SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 06/K6/08

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 03/07/'08** **235**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 03/07/'08** **288**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 3 ta' Lulju 2008.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Seba' membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fit-26 ta' Ġunju 2008. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Bye Laws dwar Xatt is-Sajjieda emendati.
4. Bye Laws dwar Projbizzjoni ta' konsum ta' alkoħol fit-toroq ta' Paceville u San Ġiljan emendati.
5. Controlled Parking Scheme.
6. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 05/K6/08 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni ta' Minuti 05/K6/08.

1.3.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.4** Il-Kunsillier Richard Scicluna wasal fis-2.10 p.m.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 2318&K469 | Ittra mingħand il-Parroċċa San Ġiljan rigward il-policy tad-Djoċesi ta' Malta fuq l-Avviżi. |
| 2338&2420 | Ittri mingħand l-iSpettur Louise Calleja, Viċe Squad, rigward laqgħa ma' rappreżentanti tal-Kunsill. |
| 2350 | Ittra mingħand il-Parroċċa San Ġiljan rigward l-attivita' tat-tberik ta' l-annimali. |
| 2381 | Ittra mingħand il-Food Chain (Holdings) Ltd rigward boards tul id-dawra tal-baħar. |
| 2417 | Ittra mingħand il-Banda San Ġiljan rigward programm vokali u strumentali. |
| 2429&2494 | Ittri mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Policy dwar Ġemellaġġi. |
| 2486&2527 | Ittri mingħand Schranz Ltd rigward manutenzjoni fuq Ġnien Dun Anton Sciberras. |

2510 Ittra mingħand is-Sur Hadrian Agius rigward il-'car park' tal-Knisja.

2524 Ittra mingħand l-OASI Foundation rigward 'The Youth of the Year 2008'.

2535&2536 Ittra mingħand The Eden Foundation rigward 'Edenfest Marathon Fund Raising Event'.

2537 Ittra mingħand Din l-Art Ħelwa rigward sħubija.

2583 Ittra mingħand il-Paroċċa San Ġiljan rigward il-preparamenti għall-Festa ta' San Ġiljan.

2584 Memo 14/2008 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Ħruġ ta' Permessi minn Kunsilli Lokali.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 2350

2.02 B'riferenza għall-ittra mingħand il-Parroċċa San Ġiljan rigward l-attivita' ta' tberik ta' l-annimali ġie deċiż unanimament illi minn din is-sena din l-attivita' kif ukoll kull attivita' oħra li tiġi organizzata matul is-sena mill-Parroċċa San Ġiljan tiġi organizzata b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Għalhekk ser jingħata l-ammont ta' €1164.68 ( Lm 500.00) bħala parti mill-ispejjeż biex jiġu organizzati l-attivitajiet kollha li jsiru.

Rif. Nru. 2381

2.03 B'riferenza għall-ittra mingħand il-Food Chain (Holdings) Ltd sabiex jitwaħħlu boards tul id-dawra tal-baħar ġie deċiż unanimament illi:-

- Ssir laqgħa magħhom biex jiġi diskuss x'qed jipproponu.
- Il-Kunsilliera jiġu nfurmati meta tkun ser issir din il-laqgħa sabiex minn irid jattendi.
- Tiġi applikata l-Bye-Laws K.L.B.L.52/2/2006 Bye-Laws ta' l-2006 dwar Reklami fuq Għamara tat-Toroq (Kunsill Lokali San Ġiljan).

Rif. Nru. 2417

2.04 B'riferenza għall-ittra mingħand is-Segretarju tal-Każin tal-Banda San Ġiljan ġie deċiż unanimament illi l-attivita' vokali u strumentali li ser issir fil-Bajja ta' Spinola fit-30 t'Awissu 2008 ssir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill u jitħallas l-ammont ta' €232.93 (Lm 100.00) bħala parti mill-ispejjeż.

Rif. Nru. 2429 u 2494

2.05 B'riferenza għal LCD Memo 13/2008 rigward Proċedura ġdida dwar ġemellaġġi u b'riferenza għal e-mail mingħand id-dipartiment għall-Gvern Lokali biex il-Kunsill isegwi l-proċeduri tal-ġemellaġġ u jerġa jissottometti t-talba tiegħu ġie deċiż unanimament illi:-

- l-Kunsillier Edgar Montanaro jkun l-Kunsillier inkarigat għall-għanijiet tal-ġemellaġġi.

- Is-Sur Montanaro jgħaddi l-informazzjoni neċessarja lill-amministrazzjoni biex terġa tiġi sottomessa t-talba tal-Kunsill.

Rif. Nru. 2486 & 2527

2.06 B'riferenza għall-ittri mingħand Schranz Ltd u l-Kunsillier Karl Gouder rigward manutenzjoni fuq Ġnien Dun Anton Sciberras ġie deċiż unanimament illi dawn jiġu diskussi waqt il-laqgħa li ser issir nhar it-Tlieta 8 ta' Lulju 2008.

Rif. Nru. 2510

2.07 B'riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Hadrian Agius rigward il-'Car Park' tal-Knisja ġie deċiż unanimament illi:-

- Ir-resident jiġi nfurmat illi minn informazzjoni li għandu l-Kunsill l-area msemmija hija privata u għaldaqstant il-Kunsill m'għandux ġurisdizzjoni fuqha;

- Jidher avviż fuq il-magazine tal-Kunsill li jmiss fejn il-pubbliku jiġi nfurmat li '*l-Car Park ta' ħdejn il-Knisja Parrokkjali hija art privata u għaldaqstant il-Kunsill m'għandux ġurisdizzjoni fuqha'.*

- Issir laqgħa mal-Kappillan, wara il-11 ta' Lulju 2008 għall ħabta ta' 12.45p.m. biex jiġu diskussi diversi *issues*. Il-Kunsilliera għandhom jiġu nfurmati meta tkun ser issir din il-laqgħa biex minn irid ikun preżenti.

Rif. Nru. 2524

2.08 B'riferenza għall-ittra mingħand l-OASI Foundation ġie deċiż unanimament li jingħataw donazzjoni ta' €69.88 (Lm 30.00).

Rif. Nru. 2535 & 2536

2.09 B'riferenza għall-ittra mingħand The Eden Foundation ġie deċiż unanimament illi jingħataw donazzjoni ta' €69.88 (Lm 30.00).

Rif. Nru. 2537

2.10 B'riferenza għall-ittra mingħand Din l-Art Ħelwa ġie deċiż unanimament illi:-

- Titħallas is-sħubija għal tliet snin għall-ammont ta' €85.00 (Lm36.49).
- Tinġibed l-attenzjoni illi hemm bżonn li jsir ir-restawrar tal-Kappella tal-Kunċizzjoni, l-għajn li hemm fil-Pjazza ta' Spinola u l-bieb tal-Palazz Spinola.

Rif. Nru. 2576

2.11 B'riferenza għall-ittra mingħand it-Taqsima Propjeta' tal-Gvern rigward id-Devoluzzjoni tal-proprjeta' ta' Ta' Ġiorni l-Kunsill ġie nfurmat illi s-Sur Albert Borg, MP&DC, diġa ġie mitlub jgħaddi l-informazzjoni neċessarja lid-dipartiment.

Rif. Nru. 2583

2.12 B'riferenza għall-ittra mingħand il-Kappillan, Fr. Ray Toledo, rigward il-preparamenti għall-Festa ta' San Ġiljan ġie deċiż unanimament illi fost affarijiet oħra, din l-ittra tiġi diskussa fil-laqgħa li ser issir mal-kapillan.

2.13 Il-Kunsillier Karl Gouder ġie skużat fit-3.15p.m.

**3 Bye-Laws dwar Xatt is-Sajjieda emendati**

3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello għamel riferenza għal Bye-Laws emendati dwar Xatt is-Sajjieda (Inc. Rif. 2377, 2399, 2440, 2444 & 2597/08 – Ara Appendiċi 'A').

3.02 Saret riferenza għall-ittra li l-Kunsill irċieva mingħand l-Għaqda Sajjieda u Dilettanti Ġiljaniżi (Rif. Inc. 2518/08 – Ara Appendiċi 'B'). Iċ-Chairman għarraf lill-Kunsill li jekk ikun hemm il-bżonn issir laqgħa mas-sajjieda u jiġu nfurmati l-kunsilliera sabiex min ikun jrid jattendi.

3.03 Wara diskussjoni l-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Bye-Laws Xatt is-Sajjieda (Kunsill Lokali San Ġiljan) Bye-Laws, 2008 kif emendati.

3.04 Iċ-Chairman Peter Bonello ssekondah.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**4 Bye Laws dwar Projbizzjoni ta' konsum ta' alkoħol fit-toroq ta' Paceville u San Ġiljan emendati.**

4.01 Iċ-Chairman Peter Bonello għamel riferenza għal Bye-Laws dwar Projbizzjoni ta' konsum ta' alkoħol fit-toroq ta' Paceville u San Ġiljan u għar-risposta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-proposta li saret mill-Kunsill (Rif. Inc. 2400/08 – Ara Appendiċi 'Ċ').

4.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jirtira l-emenda li ppropona fil-laqgħa riferenza Minuti 5/K6/08 taqsima 3, paragrafu 3.02 li tgħid:-

- **Wara artiklu 5 jitniżżel**:- *Iżda jekk il-Kunsil jagħti awtorizazzjoni skond kif provdut fl-Avviż Legali 119 ta' l-2002 fil-kuntest ta' attivita' f'xi ġranet speċjali jew speċifiċi, il-Kunsill jista' jagħti l-awtorizzazzjoni tiegħu biex isir bejgħ u konsum ta' xorb alkoħoliku lill-persuni 'l-fuq minn 16 il-sena*.

4.03 Għalhekk il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Bye-Laws rigward *Beverages in Glass*

*Containers and Consumption of Alcoħol in Public Places (San Ġiljan Local Council) Bye-Laws, 2008.*

4.04 Il-Kunsillier Peter Bonello ssekondah.

4.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**5 Controlled Parking Scheme**

5.01 Saret riferenza għall-ittra mingħand l-ADT (Awtorita' dwar it-Trasport) rigward *Regulations to amend the Controlled Parking Schemes* (Rif Inc. 2478/08 u Avviż Legali 293 ta' l-2001 – Ara Appendiċi 'D').

5.02 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament illi l-ADT tiġi nfurmata li:-

- **Fir rigward Nru. 1** - Il-Kunsill jaħseb li qed issir riferenza għal Sub-Regulation 6 ta' Regulation 4 u mhux ta' Regulation 5.
- Fil-kas tal-Kunsill Lokali San Ġiljan il-permessi tar-*residential parking scheme* dejjem ġew imġedda mill-Kunsill u mhux mid-Dipartiment ta' Liċenzi u Ttestjar u għalhekk il-kunsill ma jsibx oġġezzjoni li dawn jibqgħu jiġġeddu mill-Kunsill;
- **Fir-rigward Nru. 2 u Nru 3** – Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.
- **Triq Wiġa** trid tiġi emendata biex tinqara **Triq il-Wilġa.**
- Isir avviż fil-magazine tal-Kunsill illi l-permess tar-*residential parking scheme* irid jiġi mġedded kull sena meta tiġi mġedda l-liċenzja tal-karozza.

**6. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

6.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti.

6.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondha.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2489 sa 2495 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'F').

7.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets.

7.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 8 Materji Oħra

8.01 Il-Kunsill ġie nfurmat illi:-

- l-offerti għas-Servizz Ċirkulari ta' Mini Van jagħlqu nhar l-Erbgħa 23 ta' Lulju 2008 fl-10.30 a.m.;
- Il-ġimgħa d-dieħla għandu jidher l-avviż, għall-offerti għat-Tmexxija tal-Kumpless Ġnien Dun Anton Sciberras, fuq il-Gazzetta tal-Gvern;
- It-tender tal-Contracts Manager jiskadi fil-31 ta' Ottubru 2008 għaldaqstant ser tinħareġ sejħa għall-offerti.

8.02 Inġibdet l-attenzjoni li t-tender ta' Street Sweeping, Bulky Refuse u Public Conveniences jagħlqu fit-30 ta' Settembru 2008.

8.03 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi:-

- dawn il-kuntratt jiġi mġedda għal sena oħra
- jiġi ċċekjat kemm hemm kenniesa allokati mal-Kunsill
- tinġibed l-attenzjoni sabiex tingħata aktar attenzjoni meta jsir it-tindif.

8.04 Inġibdet l-attenzjoni li t-Tender tad-Door to Door Refuse Collection ser jiskadi fil-31 t' Ottubru 2008.

8.05 Saret riferenza għal LCD Memo 5/2008 u ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jieħu parir mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jiġi ċċarat jekk jistax jiġġedded il-kuntratt eżistenti jew jekk għandux jinħareġ sejħa għall-offerta.

8.06 Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni li:-

- Qed tiġi rraġata l-bankina tad-daħla tat-Tigullio.
- Ġie avviċinat minn persuna li lesta li tibda tiegħu ħsieb ir-roundabout u s-soft area l-oħra li hemm fi Triq il-Mensija bla ħlas. Id-dettalji jingħataw aktar tard.

8.07 Ġie deċiż unanimament illi:-

- Il-lapida li hemm fuq il-bankina qabel ma tidħol fid-daħla tat-Tigullio tiġi elevata ftit.
- Il-lapida li hemm b'ġieh il-vittmi tal-gwerra fuq il-bridge tal-Knisja tiġi elevata jew jinstabilha post aħjar;
- Il-Kunsillier Richard Scicluna ser idur il-lokalita' mal-kuntrattur tas-sinjali u marki tat-toroq, is-Sur Giovann Mifsud, u jaraw liema hemm bżonn jerġgħu jsiru.

8.08 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fl-4.45p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |